MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Numru. 851/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Joseph Friggieri**

Il-Qorti ;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Friggieri ta’ 45 sena bin il-mejjet Joseph u Lucia nee’ Mercieca imwieled Attard fil-25 ta’ Marzu 1966 u residenti fil-fond ‘Palazzo Quirinale’ Flat 1 Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 201766(M).

Akkuzat talli f' Lulju 2011, u fix-xhur  u fis-snin ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz  jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe' is-somma globali ta' **€55,000** ghad-dannu ta' Mario Borg detentur tal-karta ta' l-identita' numru 201766(M) u Emanuel Borg detentur tal-karta ta' l-identita' numru 287968(M), ai terminu ta' l-artikoli 18,308,309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' madwar **€55,000** ghad-dannu ta' Mario Borg detentur tal-karta ta l-identita' numru 201766(M) u Emanuel Borg detentur tal-karta ta' l-identita' numru 287968(M), ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b' mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk

dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu ta’ l-artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli **532A**, **532B** u **533** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta’ Lulju 2012 (esebita a fol. 148 tal-process fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) Fl-artikoli 18, 121A(2) u 121A(3) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) Fl-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
e) Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta’ Lulju 2012 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-22 ta’ Gunju 2011 il-Pulizija Ezekuttiva rceviet rapport permezz ta’ email minghand Emanuel Delia li kien dak iz-zmien jokkupa l-kariga ta Head of Secretariat fi hdan il-Ministeru tat-Trasport fejn huma gew infurmati li kien hemm persuna, li wara rrizulta li kien l-imputat fil-kawza odjerna, li kien avvicina lil certu Mario Borg mill-kumpanija ta’ kostruzzjoni M & R Holdings Limited u lil huh Emanuel Borg u qalilhom li huwa kellu konnessjonijiet mal-Ministeru tat-Trasport u seta’ jgibilhom xoghol in konnessjoni ma’ Smart City. Mario u Emanuel Borg kienu anki tkellmu fuq it-telephone ma’ persuna li qalilhom li kien Emanuel Delia fejn dan indikalhom li kienu hargu tenders ghal xoghol fi Smart City u talabhom jibghatu l-flus mal-imputat Joe Friggieri. Emanuel Delia li qatt ma kien tkellem la ma’ Mario u lanqas ma’ Emanuel Borg, sar jaf b’ dan kollu ghaliex kien hemm okkazzjoni fejn kien qed jiekol f’ restaurant il-Belt, Valletta fejn avvicinah Mario Borg u beda’ jkellmu u huwa ndikalu li ma kienx jafu u dan Borg identifika lilu nnifsu u qallu li gieli kien kellmu fuq it-telephone u qallu wkoll li kien qabdu mieghu Joe Friggieri. Meta Emanuel Delia rrisponda li l-unika persuna li kien jaf bl-isem ta’ Joe Friggieri kien Lecturer l-Universita’ Mario Borg tah in-numru tal-mobile tieghu u meta Delia cempillu ftit wara sar jaf bl-istorja kollha u rraporta lil Pulizija. Meta l-Pulizija tkellmu ma’ Emanuel u Mario Borg dawn spjegawlhom li saru jafu lill-imputat ghaliex huwa kien kera hanut minghand Mario u meta tkellmu mieghu u qalulu li x-xoghol fil-

kostruzzjoni kien wieqaf huwa qalilhom li kellu l-kuntatti mal-Ministeru tat-Trasport u li seta' jgibilhom xi xoghol fi Smart City. Emanuel Borg kien tkellem ma' xi hadd li identifika ruhu bhala Emanuel Delia mill-Ministeru tat-Trasport u dan kien qallu sabiex jibghat il-flus ghat-tenders li kienu ser johorgu ghal xoghol fi Smart City mal-imputat Joseph Friggieri. Meta xehed Emanuel Borg f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru 2011 dan qal li kien ghadda lill-imputat is-somma ta' €22,000 filwaqt li Mario Borg li wkoll xehed fl-istess udjenza qal li kien ghadda s-somma ta' €33,000. Huma qalu wkoll li la xoghol ma kienu nghataw fi Smart City u lanqas ma kienu hadu flushom lura minghand l-imputat u spjegaw li dan kien iffirma skrittura fejn qal li ha dawk il-flus minghandhom b' titolu ta' self u Borg inoltre spjega li meta f' Ottubru 2009 martu dahlet l-iSptar sabiex twelled tarbija hija rceviet bukkett fjuri minghand il-Ministeru ghat-Trasport u saret telefonata lill-istaff tal-Ward sabiex jiehdu hsiebha. Dan ix-xhud indika li dan sar minn Joseph Friggieri sabiex jikkonvincih ulterjorment li kellu l-konnessjonijiet mal-Ministeru tat-Trasport. Meta Mario u Emanuel Borg ikkonfrontaw lill-imputat u qalulu li jafu li ha l-flus hu u li ma kellu x' jaqsam xejn mal-Ministeru tat-Trasport huwa talabhom sabiex ma jdahluhx fl-inkwiet mal-Pulizija u ffirma l-iskrittura[1] fejn accetta li jhallashom lura l-flus li kienu tawh.

Ikkunsidrat :

[1] Vide dokumenti nseriti a fol. 45 sa 51 u a fol. 61 sa 64..

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet wahda fit-22 ta' Lulju 2011 u l-ohra fil-25 ta' Lulju 2011[2] fejn huwa kkonferma dak kollu li kienu qalu l-ahwa Emanuel u Mario Borg izda spjega li huwa kien ghamel hekk ghaliex kellu problemi ta' uzura u qal li kien lest ihallashom lura.

Ikkunsidrat:

Illi f' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat bir-reati ta' approprazzjoni indebita, bir-reati ta' truffa u frodi nnominata kif ukoll bir-reat kontemplat fl-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali. Illi l-approprazzjoni indebita hija ikkontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-Artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi din l-azzjoni kriminali jinhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-Artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkonsenjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, Kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Illi f' sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawru dana r-reat.

"**Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku</u>**;(sottolinjar tal-Qorti) **(3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."**

[2] Inseriti a fol. 26 u 27 u 31 sa 33 tal-atti processwali.

Illi ghalhekk l-awtur ta’ dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jipposjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta’ l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

**“La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio”** (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f’ sentenza ohra deciza mill-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta’ Frar 1997, l-Qorti tispjega b’ mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

“**Minn ezami ta' l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-**

**konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."**

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kommissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di***

***contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

Illi r-reati ta' truffa u frodi nnominata huma kontemplati fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali. In tema legali gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** li:

> **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."**

L-Artikolu 308 jaqra hekk:

> **“**Kull min, b’ mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b’ oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta’ ħaddieħor...”

L-artikolu 309 tal-Kap 9 jipprovdi ghal kazijiet ohra ta’ qerq mhux imsemmija fl-artikolu 308 u l-artikolu 310 jistabilixxi l-iskala tal-piena applikabbli skond l-ammont tal-hsara li tkun saret mill-imputat. Illi l-gurisprudenza taghna dejjem hadet il-linja li semplici gidba wahidha mhux bizzejjed sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta’ truffa ghaliex irid ikun hemm ukoll element iehor essenzjali u cioe’ l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita’ lil dik il-gidba. Dan l-att estern jiehu diversi forom u kultant anki jkun hemm atti tejatrali. Dawn il-forom hekk maghmula minn persuna jridu jkunu tali li jimpressjonaw bniedem ta’ intelligenza u prudenza normali u ordinarja sabiex jaghmel jew ma jaghmilx dak rikjest minnu mill-frodatur.

Illi l-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju Ghal Gudizzju tieghu ndika li tista’ tinstab htija taht dispozizzjoni ohra tal-ligi u cioe’ taht l-Artikolu 121A(2) (3) tal-Kapitolu 9 li jaqra’ hekk;

(1) “Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b’ mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta’

dan is-subtitolu, sabiex igieghel lil dik l-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlett xhur sa sena.

(2) Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.

(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għalkollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi giet esposta f' zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe' wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gino Zammit fejn inghad:

**"Illi minn ezami ta'l-Artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."**

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti f’ dan il-kaz jidher minghajr dubju li tirrizulta r-rejita’ kemm ghar-reat ta’ truffa kif ukoll taht is-subinciz (2) u (3) tal-Artikolu 121A. Fil-fehma tal-Qorti l-imputazzjoni ta’ aproprijazzjoni ndebita inghatat bhala alternattiva ghar-reat ta’ truffa li tieghu l-imputat ser jinstab hati. Ma hemm l-ebda dubju li l-imputat mhux biss gideb lill- ahwa Mario u Emanuel Borg meta qalilhom li kellu konnessjonijiet mal-Ministeru tat-Trasport u li seta’ jgibilhom ix-xoghol fi Smart City izda huwa kreja xenarju shih sabiex jikkonvincihom b’ dan kollu billi cemplilhom u ghamilha ta bir-ruhu li kien Emanuel Delia mis-Secretariat tal-Ministeru u talabhom jibghatulu l-flus ghat-tender mieghu stess u inoltre baghat il-fjuri lil mart Mario Borg u mbaghad meta nghata l-flus sabiex suppost jghinhom jottjenu t-tenders zamm kollox ghalih. Huwa fil-fatt ammetta dan kollu fl-iStqarrijiet minnu rilaxxjati izda qal li ghamel dan kollu minhabba problemi finanzjarji konnessi mal-uzura. Huwa evidenti li l-problemi tal-uzura li kellu l-imputat bl-ebda mod ma jiggustifikaw dak li ghamel.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova li l-imputat huwa recidiv skond ma jirrizulta mill-kopji tas-sentenzi nseriti a fol. 105 sa118 tal-atti processwali.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-gravita’ tar-reati addebitati lill-imputat kif ukoll il-fatt li huwa recidiv u diga’ nstab hati ghal reati identici ghal dawk li qed jinstab hati ghalihom fil-kawza odjerna u jidher li ghalkemm inghata l-opportunita’ jirriforma ruhu huwa m’ gharafx jaghmel dan. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-13 ta’ Lulju 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 308, 309, 310(1)(a) u 121A (2) u (3) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba’ mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija. Stante li l-imputazzjoni ta’ aproprijazzjoni ndebita nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta’ truffa li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------